**QORTI CIVILI PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta’ Gunju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 952/2017 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi li b’digriet tal-31 ta’ Jannar 2018 gew nominati kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti Zsolt Nyari**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ HSBC Bank Malta p.l.c., konfermat bil-gurament mill-Prokuratur Legali Catherine Fenech in rapprezentanza tal-Bank rikorrenti, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-intimat ingħata self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta’ mija u sitta u sebghin elf Ewro (€176,000) ai termini ta’ kuntratt tas-6 ta’ Settembru, 2011 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa [kopja tal-att notarili qed jiġi anness bħala Dok. HSBC 1].

L-intimat effettwa biss pagamenti minimi (li l-biċċa l-kbira tagħhom ġew allokati għal interessi illi laħqu ddekorrew) u ma

baqax jonora l-ħlasijiet miftehma. Barra minn hekk, mal-ammont oriġinali tas-self jeħtieġ illi jiżdiedu ammonti oħra konsistenti fi ħlasijiet dovuti rigwardanti assigurazzjoni tad-dar, liema ħlasijiet ġew effetwati mill-istess *loan account* li jgħajjat lill-intimat (*Home Loan Account* Numru 16129318).

Għaldaqstant ai termini tal-'*General Conditions Regulating Loans',* formanti parti mis-Sanction Letter tas-17 t'Awwissu, 2011 relattiva ghall-facilità moghtija, senjatament il-klawsola 15 – "Events of Default" (Dok. HSBC 2), l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huwa preżentement debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont globali ta' mitejn u dsatax–il elf, tlett mija u ghaxar Ewro u tnejn u tletin centezmu (€219,310.32) li minnhom mija u hamsa u sebghin elf, sitt mija u disgha u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€175,669.61) jirrapreżentaw il-kapital filwaqt illi tlieta u erbghin elf, sitt mija u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€43,640.71) jirrapreżentaw imghax mahdum b-imghax semplici sad-9 ta' Marzu 2017 kif jidher mill-istatement anness (ara Dok. HSBC 3). Dan oltre imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Il-Bank hareg ta' ittra ufficjali li permezz taghha d-debitur gie debitament notifikat illi huwa kien iddekada mill-beneficcju taz-zmien moghti lilu u l-bilanc intier tas-self, inkluż l-imgħaxijiet li akkumulaw, kien sar dovut kollu f'daqqa (Dok. HSBC 4).

Di più, huwa dovut bilanc ulterjuri mill-intimat, fl-ammont kumplessiv ta' tlett mija u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€370.13), li minnu s-somma ta' €312 tikkonsisti f'self moghti lilu mill-bank rikorrenti b'rabta ma' uzu ta' *credit card* fuq il-kont bin-numru 006-192355-340 già bin-numru 4035 7100 3577 7734 (kopja tal-istatement u l-ftehim relattivi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. HSBC 5 u HSBC 6 rispettivament), filwaqt illi s-somma ta' tmienja u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€58.13) tirrapreżenta l-interessi li ddekorrew sad-9 ta' Marzu 2017, oltre imghaxijiet legali ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mill-10 ta' Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż ittri uffiċjali mibgħuta lill-intimat nhar is-26 ta' Jannar, 2015 (Dok. HSBC 4) u dik ġa msemmija tal-26 ta' Jannar, 2015 l-intimat baqa' inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-intimat;

Illi għal kull buon fini jingħad illi Zsolt Nyari huwa ċittadin Ungeriż illi preżentement jinsab assenti minn Malta. Inoltre, għalkemm jidher li għal xi żmien sal-2012 kien jgħix f'indirizz fl-Isvezja, il-Bank esponenti ilu li tilef il-kuntatt miegħu sa mill-2012 b'dan illi l-ittri uffiċjali fuq imsemmija ġiet notifikata lill-kuraturi deputati Avv. Noel Bartolo u PL Nadine Farrugia.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien.

(ii) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' mitejn u dsatax-il elf, tlett mija u ghaxar Ewro u tnejn u tletin centezmu (€219,310.32) li minnhom mija u hamsa u sebghin elf, sitt mija u disgha u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€175,669.61) jirrapreżentaw il-kapital filwaqt illi tlieta u erbghin elf, sitt mija u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€43,640.71) jirrapreżentaw imghax mahdum b-imghax semplici sad-9 ta' Marzu 2017, oltre imgħaxijiet ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru mill-10 ta' Marzu 2017 bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont globali hawn deskritt, sal-pagament effettiv.

(iii) Konsegwentement, tikkundanna lill-intimat jhallas lill-bank rikorrenti s-somma globali ta' ta' mitejn u dsatax-il elf, tlett mija u ghaxar Ewro u tnejn u tletin centezmu (€219,310.32) b'rabta mal-*Home Loan Account* Numru 16129318 dovut ai termini tal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet, kif ġa ngħad.

(iv) Tiddikjara illi l-intimat huwa wkoll debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ulterjuri ta' tlett mija u sebghin Ewro

u tlettax-il centezmu (€370.13), f'ammont dovut b'rabta mal-kont bin-numru 006-192355-340 già bin-numru 4035 7100 3577 7734 u konsistenti in kwantu għas-somma ta' tlett mija u tnax-il Euro (€312.00) f'kapital u in kwantu għall-ammont ta' tmienja u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€58.13) f'imghaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Marzu 2017, oltre imghaxijiet legali ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru sa mill-10 ta' Marzu 2017 bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont globali hawn deskritt, sal-pagament effettiv.

(v) Konsegwentement, tikkundanna lill-intimat ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ulterjuri ta' tlett mija u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€370.13), f'ammont dovut b'rabta mal-kont bin-numru 006-192355-340 gia' bin-numru 4035 7100 3577 7734 kif ġa ngħad oltre imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament mill-10 ta' Marzu 2017.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali suċċitati u mibgħuta lill-intimat kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi mahtura fil-31 ta' Jannar 2010 biex jirrapprezentaw lill-assenti Zsolt Nyari li permezz taghha gie eccepit illi:

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li l-kuraturi deputati ma kellhomx provi xi jressqu.

Ikkunsidrat illi permezz tal-provi mressqa l-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mal-ligi li t-talba tieghu hija gustifikata.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

i) Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;
ii) Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;
iii) Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;
iv) Tilqa' t-raba' talba kif dedotta;
v) Tilqa' l-hames talba kif dedotta,

bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Zsolt Nyari b'dana illi provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi jithallsu mill-Bank rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG